**Koalizzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija**
e nahlamaltija@gmail.com | w https://nahlamaltija.wordpress.com

13 ta' Marzu 2023
Referenza 23-02

# INTENZJONI U GĦANIJIET:
# L-ISTRATEĠIJA NAZZJONALI U L-PJAN TA' AZZJONI TA' MALTA GĦAD-DAKKARA SAL-2035

B'referenza għall-konsultazzjoni pubblika imsemmija hawn fuq, bħala organizzazzjoni li qed naħdmu favur il-konservazzjoni tan-Naħla Maltija (*Apis mellifera ruttneri*) nixtiequ nżidu l-kummenti tagħna dwar l-istrateġija proposta. F'dan l-isfond, mingħajr ma nnaqsu l-importanza ta' dakkara oħrajn, għaliex verament nifhmu l-irwol ta' kull wieħed minnhom fl-ekosistema, ser inkunu qed niffukaw il-kummenti tagħna fuq azzjonijiet li b'mod dirett jolqtu l-vitalita tan-Naħla tal-Għasel Maltija, sforz l-isfidi aktar evidenti li din qed taffaċċjha. Madankollu, l-azzjonijiet imsemmija għandhom ukoll effett posittiv indirett fuq l-ispeċi dakkara oħrajn, kif ser jiġi innutat iktar 'il quddiem.

## In-Naħla Maltija u Sfond tal-Isfidi li qed Tiffaċċja

Fost ir-reġjuni li l-ispeċi tan-Naħla tal-Għasel (*Apis mellifera*) hi indiġena insibu dak Mediterranju. In-Naħla tal-Għasel hi speċi ta' dakkara importanti ferm. Mhux biss minħabba l-irwol ta' dakkara ġeneralista li għandha din l-ispeċi u għaldaqstant is-servizz ekoloġiku importanti li tipprovdi, iżda wkoll minħabba l-irwol fundamentali li għanda f'kuntest kulturali u apikulturali.

Fil-gżejjer Maltin, insibu tgħammar is-sottospeċi (razza) tan-Naħla tal-Għasel Maltija (*Apis mellifera ruttneri*) li tinsab biss fl-arċipelagu Malti, fatt li jagħmilha endemika għal dawn il-gżejjer. Sforz id-distribuzzjoni limitata ta' din is-subspeċi ta' Naħla tal-Għasel, tagħmilha aktar sensittiva għal proċessi li preżentament qegħdin u 'il quddiem jistgħu jikkawżaw is-sitwazzjoni imwera tagħha.

Huwa ċar li l-karatteristiċi tan-Naħla Maltija qed jiġu imniġġsa min-Naħal tal-Għasel ta' razez barranin li qegħdin jiġu impurtat f'pajjiżna. Peress li n-Naħal tal-Għasel jitgħammar fuq barra b'distinzjoni minima bejn sottospeċi differenti, dan qiegħed iwassal sabiex il-ġenetika tan-Naħla Maltija li kienet iżolata għal għexieren ta' snin titħallat (*hybridisation*). Konsegwentement, b'mod indirett in-Naħla Maltija qed tinqered għax ftit ftit, qiegħda titlef il-karatteristiċi 'Maltin' minħabba dan it-taħlit. Iktar minn hekk, dan iwassal sabiex l-adattament li kellha biex tgħix f'abitat u klima lokali jintilef ukoll. Il-kunċett evoluzzjonarju tas-sopravivenza tal-aktar tajbin (*survival of the fittest*) qed jiġi imfixkel bil-kbir għad-detriment tas-sottospeċi li tifforma parti mill-patrimonju naturali Malti. Dan il-proċess ta' taħlit bla dubju tefa' lil din is-sottospeċi endemika għal pajjiżna f'riskju serju ta' estinzjoni.

Tajjeb li ssir ukoll referenza għas-settur apikulturali lokali, li jiddependi intrinsikament fuq in-Naħla tal-Għasel Maltija. Peress li naħal tal-għasel jintuża wkoll fl-apikultura, b'kontrolli minimi ta' x'jista jiġi impurtat minn barra, in-naħla lokali qed tiġi kontaminata ġenetikament u għaldaqstant għandha sfidi uniċi u ikbar minn dawk ta' dakkara oħra. F'ambitu fejn fis-sajf 2022, f'temp ta' ftit ġimgħat intilfu madwar 70% tal-kolonji fl-imġiebaħ minħabba l-Bagħal taż-Żunżan *(Vespa orientalis*), għandna:

(a) Nirrikonoxxu li kull studju li sar dwar il-prevalenza tan-Naħla Maltija issa hu skadut u għaldaqstant hemm bżonn ta' studji ġodda.
(b) Ikun hemm pjan urġenti li ma jħallix l-importazzjoni tan-naħal minn barra (kif ġara meta ġiet introdotta l-*Varroa*) biex jikkompensa għat-telfien tan-naħal.

Fil-kuntest tat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tas-sottospeċi lokali hi ukoll importanti ferm. Il-potenzjal t' addament għal klima iktar ħarxa fil-futur qarib qiegħda biss fil-konservazzjoni tas-sottospeċi endemika. L-importanza tal-konservazzjoni tan-naħla lokali u t-trobbija tagħha hu vantaġġuż u ta' importanza. Fiha innifisha s-sottospeċi Maltija għandha valur intrinsiku sforz l-

endemiċità tagħha, li tkompli tarrikkixxi il-bijodiversità lokali. Il-konservazzjoni ta' din is-sottospeċi huwa neċessarju anke f'ambitu t'apikultura sostenibbli fil-ġejjieni.

### Strateġija Nazzjonali u Pjan Ta' Azzjoni

Għaldaqstant bħala organizzazzjoni qed nappellaw u nadvokaw li għandu jkun hemm strateġija u pjan ta' azzjoni separati, dettaljati u iffokati biss fuq in-Naħla Maltija jew inkella l-abbozz propost jkun jidħol ħafna fid-dettall dwar in-Naħla Maltija. Dan l-insett m'għandux jiġi ttratat fuq l-istess livell bħal kull dakkar ieħor. B'din il-lenti, l-ERA għandha b'mod attiv tidderieġi l-almu tagħha għal azzjonijiet li jissalvagwardjaw lil dan l-insett, azzjonijiet li awtomatikament ukoll jħarsu dakkara oħrajn.

### Soluzzjonijiet

- Sfidi li qed jaffettwaw id-dakkara kollha inkluż in-Naħla tal-Għasel Maltija, kemm lokalment u anke b'mod globali hu n-nuqqas ta' flora 'selvaġġa', li wkoll tagħmel parti importanti mill-ambjent Malti u hu sors ta' ikel importanti għal dawn il-ħlejjaq. It-telf t'abitati, inkluż permezz ta' bini fuq ODZs huma wkoll prattiċi prevalenti u preokkupanti f'dan ir-rigward. Qegħdin nappellaw lill-ERA sabiex fl-irwol tagħha, mhux biss tħeġġeġ imma tobbliga lill-Kunsilli Lokali milli jaqtgħu bla bżonn dan il-'ħaxix selvaġġ', apparti li tagħmel iktar sforz sabiex tipproteġi l-ftit akwati rurali li għad fadal. Nagħmlu referenza għal *Memorandum of Understanding* imniedi mill-*Malta Beekeepers Association*, li għalkemm f'dan il-qafas huwa pass tajjeb fid-direzzjoni it-tajba, mhuwiex biżżejjed. Importanti wkoll li jsiru aktar *urban green landscaping* immirati għad-dakkara. Kwalunkwe proġetti ta' dan it-tip, għandhom jintuzaw biss pjanti li huma tajbin għad-dakkara, li huma wkoll ta' stokk Malti, sabiex l-azzjoni tkun verament olistika. Jistgħu wkoll jiddaħlu skemi fejn bdiewa jħallu persentaġġ t'art agrikola mingħajr ma tinżera,

jew anke skemi finanzjarji li jħeġġu l-bdiewa jkabbru prodotti nektaferiċi bħas-silla (*Hedysarum coronarium*).

- Tiġi kkunsidrata bis-serjeta l-pass li titwaqqaf l-importazzjoni tan-naħal tal-għasel minn barra. Iktar 'il quddiem ser inkunu qed nippublikaw artiklu li fih jindirizza din il-kwistjoni, mil-lat legali, u kif dan hu possibli, kif ġa qed isir f'ċertu pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. Permezz ta' dan il-pass tkun qiegħda tiġi ssalvagwardjata l-bijodiversita tad-dakkara lokali, fil-forma tan-Naħla Maltija. Iżda mhux biss. L-introduzzjoni ta' stokk ta' naħal barrani, iżid ir-riskju ta' introduzzjoni ta' mard li jaffetwa lin-Naħla Maltija kif diġa ġara fil-passat (*American foulbrood* u *Varroa*). Riċerka turi li mard li jaffetwa u li hu prevalenti fost in-Naħal tal-Għasel, għandu wkoll virulenza f'insetti oħrajn dakkara. Fost il-modi ta' kif jista' jixxerred dan il-mard hu permezz tal-fjuri stess, li jżuruhom naħal tal-għasel marid, li imbagħad imarrad lil dakkara oħrajn. Għaldaqstant pass li jipprojbixxi l-introduzzjoni tan-Naħal tal-Għasel minn barra, mhux biss ikun qed iħares is-saħħa tan-Naħla Maltija u sostenibilita tal-apikultura lokali, iżda wkoll b'mod indirett dakkara oħra lokali.

- Il-possibbiltà li Naħla Maltija tiġi meqjusa bħala l-Insett Nazzjonali skond il-provedimenti tal-liġi L.S. 549.120. Nifhmu li ġa hemm l-invertebrat nazzjonali (qabru) imma dan jista' jinbidlu t-titlu tiegħu e.g. il-Krustaċji Nazzjonali. B'dan il-mod tkun qed tingħata protezzjoni iktar wiesgħa lin-Naħla tal-Għasel. Fl-istess ħin, dan l-insett kariżmatiku jkun jista' jintuża wkoll bħala l-*flagship* ta' din l-Istrateġija indirizzata għal protezzjoni tad-dakkara. Iktar 'il quddiem ser inkunu qed nippublikaw artiklu li fih jindirizza din il-kwistjoni, mil-lat legali.

- Għandu sabiex għal inqas, jibda' l-proċess biex jiġu mwaqqfa Żoni ta' Konservazzjoni tan-Naħla Maltija fejn ċertu żoni fil-pajjiz tkun tista' tiġi mrobbija biss l-ekotip lokali. Dan għandu jsir kemm sabiex in-naħħala jkunu esposti għal din il-bidla fil-ħsieb b'mod

gradwali, iżda wkoll ħalli tagħti ċans lill-pubbliku u lil istess naħħala jedukaw ruħu f'dan ir-rigward.

- Għandha tiġi riċerkata l-implikazzjonijiet ta' *carrying capacity* tal-abitati Maltin, speċjalment minħabba il-*mean high density* għoli li nsibu f'pajjiżna, u li b'mod dirett taffetwa l-produzzjoni fl-apikultura, iżda wkoll l-istatus ta' dakkara oħrajn. F'dan ir-rigward, għandhom jitnaqqsu kolonji ta' naħal li ġew minbarra, mill-banda l-oħra jeħtieġ wkoll studji fuq l-istokk ta' Naħal tal-Għasel Malti li għandna, sabiex nevitaw *inbreeding* li jwassal għal telf fit-tul fis-saħħa tal-istess naħal.

- Hekk kif l-ERA bħalissa qiegħda tfassal (1) *Strateġija Nazzjonali u Pjan ta' azzjoni għad-Dakkara sal-2035*, u (2) *Strateġija Nazzjonali tal-Bijodivesita u l-Pjan ta' Azzjoni sal—2030*, huwa neċessarju li ż-żewg strateġiji jkunu jikkumplimentaw lil xulxin, u ma jsirux f'iżolament, dan sforz l-importanza u l-korrelazzjoni li hemm bejniethom. Fost l-oħrajn aspett importanti, u li jikkumplimenta iż-żewġ strateġiji hu l-bijodiversita fil-ġenetika.

- Għandu jkun hemm grupp ċentrali ta' nies bejn l-ERA, il-Ministeru u Entitajiet tal-Agrikoltura, tal-Ambjent (inkluż il-Ministeru t'Għawdex) biex jikkoordinaw l-konservazzjoni tan-Naħla Maltija liema proposta hi parti mill-manifest tal-partit fil-gvern. Mingħajr grupp ċentrali ser ikun diffiċli ħafna li tiġi koordinata u implimentata l-istrateġija u l-konservazzjoni ta' kwalunkwe speċi jew subspeċi. In-nuqqas ta' koordinazzjoni u komunikazzjoni fuq din l-istess strateġija bejn kumitati u entitajiet governattivi ħareġ fiċ-ċar fil-laqgħa konsultattiva li seħħet iktar kmieni dan ix-xahar. Nagħmlu wkoll aċċen għal infurzar b'saħħtu u serju għal kwalunkwe objettivi li din l-istrateġija u oħrajn jiffissaw.

- Tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-*Vespa orientalis* minħabba raġunijiet antropoloġiċi. Hekk kif dan l-insett għamel ħerba sħieħa mis-settur apikulturali lokali fis-sajf 2022 kif diġa

imsemmi, ma jistax jiġi eskluż li dan l-istess insett ħalla impatt kbir negattiv fuq insetti oħra dakkara. Fl-irwol li tissalvagwardja l-ambjent u l-bijodiversita, inħossu li l-ERA m'għamlitx biżżejjed f'dan ir-rigward sabiex tiġi solvuta din il-problema.

- L-argumenti mas-settur tal-apikultura għandu jkun billi nuru x'benefiċċji addizzjonali ġġib it-trobbija tan-Naħla Maltija fuq naħal barrani. Dan insegwitu mal-fatt li l-importazzjoni tan-naħal minn barra għandu valur monetarju baxx, imma dannu kbir għas-settur, liema attività qed tnaqqas ukoll is-sostenibbiltà tas-settur apikultura, u fil-lat ambjentali, tgħawwar l-uniċita u l-bijodiversita tan-Naħla tal-Għasel Maltija. Importanti li din l-istrateġija tagħraf iżżewweġ flimkien l-agrikultura mal-ekoloġija. Bħala organizzazzjoni, diġa kkumpilajna dokument *draft* li jittratta l-benefiċċji li żżomm in-Naħla Maltija.

- Isir moniteraġġ tal-pestiċidi li qegħdin jiġu intużati fil-biedja lokali, evalwazzjoni ta' studji kif dawn jaffetwaw lid-dakkara, u infurzar ta' kampanja edukattivi fost il-bdiewa, u *policies* li jinfurzaw it-tneħħija ta' pestiċidi għal oħrajn inqas letali għal dawn il-ħlejqiet. Għandu jkun hemm iktar inċentivi ta' prattiċi organiċi ħalli kemm jista' jkun neskludu l-użu ta' dawn il-prodotti, fosthom *companion plants*, etc.

Il-Koalizzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija għandha tiġi kkunsidrata bħala *stakeholder* importanti f'dan ir-rigward, u lesta li tgħin fit-tfassil tal-istrateġija u pjan ta' azzjoni.

Tislijiet,
Koalizzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija